# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Charlene Mallia**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Charlene Mallia**, li għandha l-karta tal-identita bin-numri 231386M li permezz tagħhom ġiet akkużata talli nhar id-29 ta' Lulju, 2016, fil-Marsa w/jew f'xi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer ;

"a) irrifjutajt li taghti jew tajt il-partikularitajiet tieghek foloz jew mhux sew lill-ufficjal tal-pulizija meta dan talabhomlok waqt il-qadi ta' dmiru u dan bi ksur ta l-Artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta'Malta;

b) kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjajt jew ghamilt biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-Artiklu 7 (2) tal-Kapitlu 63 tal-Ligi ta' Malta;

c) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi offendiet il-pudur u/jew il-rnorali, b' ghemiel li sar f'lok pubbliku,jew f'Iok espost ghall pubbliku u dan bi ksur tal- Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligi ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Rat li wara li ġew moqrija l-imputazzjonijiet lill-imputata hija wieġbet li kienet ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni inkluż li minħabba n-natura tar-reat il-Qorti setgħet tgħaddi biex issibha ħatja u tikkonudannaha għal piena li tista' tkun anke waħda karċerarja. Il-Qorti, wara li tat żmien biżżejjed lill-imputata biex tiddeċiedi jekk hix sejra terġa lura minnha, semgħatha ittenni li hija ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba.

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata imtennija mill-imputata ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibha ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.

# ***<u>DEĊIDE</u>***

Li wara li inter alia rat l-Artikoli 209 u 338(g) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li ssib lill-imputata, fuq l-amissjoni inkondizzjonata tagħha stess, ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha. Iżda peress li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-

Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat, u a tenur tal-Artikoli 2 u 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħatja Charlene Mallia taħt ordni ta' probation u servizz, fis-sens illi tpoggi lill-ħatja taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet snin millum b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-istess Charlene Mallia titqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill- Charlene Mallia bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, tista tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instabet ħatja b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Il-ħatja tiddikjara li taqbel ma tali ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-

Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Charlene Mallia.

L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

***Mogħtija illum it-22 ta' Novembru 2016 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## ORDNI TA' *PROBATION*

*(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**Maġistrat:** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**Illum: 22 ta' Novembru 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chantelle Casha)**

**vs**

Charlene Mallia

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **Charlene Mallia, numru tal-karta tal-identita 231386(M)** ġiet misjuba ħatja kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' *Probation* u ġiet mpoġġija taħt Ordni ta' *Probation* ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħatja bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' *Probation* (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skond l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk tonqos li tħares din l-Ordni jew tagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' tliet snin millum, tkun tista tiġi kkundannata għar-reat li għalih qed tiġi magħmula din l-Ordni, u illi l-ħatja wriet li trid tħares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*;

Għalhekk **tordna** li l-ħatja Charlene Mallia li toqgħod St. Mary, 52, Sanctuary Place, Flat 5, Triq il-Ħofra, Ħaż-Żabbar, tkun għal perjodu ta'

tliet snin millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' *Probation* taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' *probation*, il-ħatja għandha ġġib ruħha tajjeb, toqgħod għad-direttivi kollha tal-*Probation* Officer u żżomm dak il-kuntatt meħtieg u mitlub mill-uffiċjal tal-*probation* maħtur lilha.

2. L-Uffiċjal tal-*probation* maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur.

3. Il-ħatja għandha tavża immedjatament lill-Uffiċjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta tagħmel fl-indirizz residenzjali tagħha.

4. Li għandha żżomm ruħha f'kuntatt mal-uffiċjal tal-*Probation* skont id-direttivi li tagħtiha minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċjal tal-*Probation*; u partikolarment li hija għandha, jekk l-Uffiċjal tal-*Probation* ikun hekk irid, tirċievi żjarat tal-istess Uffiċjal tal-*Probation*.

5. Li toqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Uffiċjal tal-Probation intiżi li jghinu lill-ħatja biex ma terġax tirrepeti r-reati jew tikkommetti reati oħra.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħatja u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċju tal-*Probation Services u Parole* ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

………………………………………

**Ħatja :** ***Charlene Mallia***

**Deputat Registratur** ***: Doris Serpina***

**Maġistrat** ***: Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***